DEĊIŻJONI (UE) 2020/1100 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tas-17 ta' Lulju 2020

li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2015/32 dwar id-derogi li jistgħu jingħataw skont ir-Regolament (UE) Nru 1073/2013 (BĊE/2020/33)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1073/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-18 ta' Ottubru 2013 dwar statistika fir-rigward tal-attiv u l-passiv ta' fondi ta' investiment (BĊE/2013/38) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 1073/2013 (BĊE/2013/38) jipprovdi li jistgħu jingħataw derogi mir-rekwiżiti dwar ir-rappurtar statistiku lill-fondi ta' investiment (IFs) li jkunu suġġetti għal regoli ta' kontabbiltà nazzjonali li jippermettu l-valutazzjoni tal-assi tagħhom b'mod inqas frekwenti minn kull trimestru. Jipprovdi wkoll li l-kategoriji IF li lilhom il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) ikollhom id-diskrezzjoni li jagħtu derogi, għandhom jiġu deċiżi mill-Kunsill Governattiv. Il-lista ta' dawk il-kategoriji IF tinsab f'Deċiżjoni adottata mill-Kunsill Governattiv.

(2) Waqt ir-reviżjoni stipulata mill-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (UE) 2015/32 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/62) ([2]), il-Kunsill Governattiv iddetermina li huwa neċessarju li jiġu inklużi iktar kategoriji ta' fondi ta' investiment li għalihom jistgħu jingħataw derogi skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 1073/2013 (BĊE/2013/38) lill-Awstrija, il-Latvja, il-Litwanja u il-Portugall, li jitneħħew kategoriji ta' fondi ta' investiment li m'għadhomx japplikaw għal Franza, u li jsiru emendi minuri li jirriżultaw minn tibdiliet għal ċerti atti legali nazzjonali.

(3) Għaldaqstant, id-Deċiżjoni (UE) 2015/32 (BĊE/2014/62) għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Emenda

L-Anness għad-Deċiżjoni (UE) 2015/32 (BĊE/2014/62) huwa ssostitwit bl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum meta tiġi nnotifikata lid-destinatarji.

Artikolu 3

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-BĊNi tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

Magħmul fi Frankfurt am Main, is-17 ta' Lulju 2020.

Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE

([1]) ĠU L 297, 7.11.2013, p. 73.
([2]) Id-Deċiżjoni (UE) 2015/32 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-29 ta' Diċembru 2014 dwar derogi li jistgħu jingħataw skont ir-Regolament (UE) Nru 1073/2013 dwar statistika fir-rigward tal-attiv u l-passiv ta' fondi ta' investiment (BĊE/2013/38) (BĊE/2014/62) (ĠU L 5, 9.1.2015, p. 17).

ANNESS

L-Anness tad-Deċizjoni (UE) 2015/32 (BĊE/2014/62) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS

KATEGORIJI TA' FONDI TA' INVESTIMENT LI GĦALIHOM JISTGĦU JINGĦATAW DEROGI SKONT L-ARTIKOLU 8(2) TAR-REGOLAMENT (UE) Nru 1073/2013 (BĊE/2013/38)

Stat Membru	Isem tal-kategorija tal-IF	Att legali fir-rigward tal-kategorija			Att legali li jiddetermina l-frekwenza tal-valutazzjoni			Frekwenza tal-valutazzjoni skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali
		Titolu tal-att legali	Numru/data tal-att legali	Dispożizzjonijiet rilevanti	Titolu tal-att legali	Numru/data tal-att legali	Dispożizzjonijiet rilevanti	
L-Awstrija	*Alternative Investmentfonds* (Fondi ta' investiment alternattiv għal investituri professjonali)	*Alternative Investmentfonds Manager-Gesetz – AIFMG 2013* (Liġi dwar kumpaniji ta' ġestjoni ta' fondi ta' investiment alternattiv)	BGBl. I Nr. 135/2013	AIFMG 2013 § 2 u mhux soġġett għal AIFMG § 48	*Alternative Investmentfonds Manager-Gesetz – AIFMG 2013* (Liġi dwar kumpaniji ta' ġestjoni ta' fondi ta' investiment alternattiv)	BGBl. I Nr. 135/2013	AIFMG 2013 §17 (3)	Annwali
L-Awstrija	*Immobilienfonds* (Fondi ta' investiment fi proprjetà immobbli)	*Immobilien-Investmentfondsgesetz – ImmoInvFG 2003* (liġi dwar fondi ta' investiment fi proprjetà immobbli)	BGBl. I Nr. 80/2003	ImmoInvFG 2003 § 1	*Immobilien-Investmentfondsgesetz – ImmoInvFG 2003* (liġi dwar fondi ta' investiment fi proprjetà immobbli)	BGBl. I Nr. 80/2003	ImmoInvFG 2003 § 29 (2)	Annwali
Franza	*Fonds commun de placement à risque* (Fondi komuni ta' kapital ta' riskju)	Code monétaire et financier (Kodiċi monetarju u finanzjarju)		Kapitolu IV, Taqsima 2, Paragrafu 2. L214-28 sa L214-32	*Règlement général de l'Autorité des MarchésFinanciers* (Regolament Ġenerali tal-Awtorità tas-Swieq Finanzjarji)		Ktieb IV, Titolu II, Artikolu 422-120-13	Darbtejn fis-sena
L-Italja	*Fondi chiusi* (Fondi magħluqa)	*Decreto legislativo – Testo unico delle disposizioni in materia di intermediazione finanziaria* (Digriet leġiżlattiv – id-dispożizzjonijiet kollha fil-qasam tal-intermedjazzjoni finanzjarja)	Nru 58 tal-24 ta' Frar 1998	Parti I, Artikolu 1 Parti II, Artikoli 36, 37 u 39	*Provvedimento della Banca d'Italia – Regolamento sulla gestione collettiva del risparmio* (Att tal-Banca d'Italia – Regolament dwar l-immaniġġjar kollettiv tat-tfaddil)	fit-23 ta' Diċembru 2016.	Titolu V, Kapitolu 1, Taqsima II, paragrafu 4-6	Annwali

		Decreto ministeriale – Regolamento attuativo dell'articolo 37 del Decreto legislativo di 24 febbraio 1998, nr. 58 (Digriet ministerjali – Regolament li jimplimenta l-Artikolu 37 tad-digriet leġiżlattiv Nru 58 tal-24 ta' Frar 1998)	Nru 228 tal-24 ta' Mej ju 1999	Kapitolu II, Artikolu 12				
Il-Latvja	*Alternatīvo ieguldījumu fondi* (Fondi ta' Investiment Alternattiv)	*Alternatīvo ieguldījumu fondu un to pārvaldnieku likums* (Liġi dwar Fondi ta' Investiment Alternattiv u l-Maniġers Tagħhom)	*Liġi tad-9 ta' Lulju 2013*	*Kapitolu III Parti 6 ta' Sezzjoni 27*	*Alternatīvo ieguldījumu fondu un to pārvaldnieku likums* (Liġi dwar Fondi ta' Investiment Alternattiv u l-Maniġers Tagħhom)	*Liġi tad-9 ta' Lulju 2013*	Kapitolu III Parti 6 ta' Sezzjoni 27	Annwali
Il-Litwanja	*Informuotiesiems investuotojams skirti kolektyvinio investavimo subjektai* (Impriżi ta' investiment kollettiv intiż għal investituri infurmati)	*Informuotiesiems investuotojams skirtų kolektyvinio investavimo subjektų įstatymas* (Liġi dwar Impriżi ta' Investiment Kollettiv Intiżi għal Investituri Informati)	Nru XII-376 tat-18 ta' Ġunju 2013 (Emendat l-aħħar fit-12 ta' Diċembru 2019)	Artikolu 2(5)	*Informuotiesiems investuotojams skirtų kolektyvinio investavimo subjektų įstatymas* (Liġi dwar Impriżi ta' Investiment Kollettiv Intiżi għal Investituri Informati)	Nru XII-376 tat-18 ta' Ġunju 2013 (Emendat l-aħħar fit-12 ta' Diċembru 2019)	Artikolu 42(2)	Darbtejn fis-sena/annwali
Il-Litwanja	*Alternatyvieji kolektyvinio investavimo subjektai* (Impriżi ta' investiment kollettiv alternattivi)	*Alternatyviųjų kolektyvinio investavimo subjektų valdytojų įstatymas* (Liġi dwar Maniġers ta' Impriżi ta' Investiment Kollettiv Alternattivi)	Nru. XII-1467 tat-18 ta' Diċembru 2014 (Emendat l-aħħar fit-12 ta' Diċembru 2019)	Artikolu 3(13)	*Alternatyviųjų kolektyvinio investavimo subjektų valdytojų įstatymas* (Liġi dwar Maniġers ta' Impriżi ta' Investiment Kollettiv Alternattivi)	Nru. XII-1467 tat-18 ta' Diċembru 2014 (Emendat l-aħħar fit-12 ta' Diċembru 2019)	Artikolu 16(1)	Darbtejn fis-sena/annwali

Il-Portugall	*Fundos de capital de risco* (Ekwità privata u Fondi ta' kapital ta' riskju)	*LEI* (Liġi)	Nru 18/2015 tal-4 ta' Mar zu 2015	Artikolu 1 u 3	*Regulamento da Comissão do Mercado de Valores Mobiliários* (Regolament tal-Kummissjoni għas-Suq tat-Titoli) *Instrução da Comissão do Mercado de Valores Mobiliários* (Linja gwida dwar il-Kummissjoni għas-Suq tat-Titoli)	Nru 3/2015 tat-3 ta' Novembru 2015 Nru 7/2016 tad-29 ta' Novembru 2016	Artikoli 2 and 15§1 Regola 2	Darbtejn fis-sena
Il-Portugall	*Fundos de empreendedorismo social* (Fondi ta' intraprenditorija soċjali) *Organismos de investimento alternativo especializado* (Fondi ta' Investiment Alternattiv Speċjalizzati)	*LEI* (Liġi)	Nru 18/2015 tal-4 ta' Mar zu 2015	Artikolu 1 u 4 Artikolu 1 u 5	*Regulamento da Comissão do Mercado de Valores Mobiliários* (Regolament tal-Kummissjoni għas-Suq tat-Titoli)	Nru 3/2015 tat-3 ta' Novembru 2015	Artikoli 2 and 15 §2	Annwali"